# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM it-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2017

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 1178/07JRM**

Carmela **BUTTIĠIEĠ** u b'degriet tas-17 ta' Lulju, 2014, l-atti għaddew f'isem Rita Żarb, Susan Testa u Shiela Borġ minħabba l-mewt tal-attriċi Carmela Buttiġieġ fil-mori tal-kawża; Francis Cumbo; Grace Delia; Josianne Dimech; u Mary Randich

vs

Carmen **AĠIUS**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Novembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) issib li ħuhom Anthony Cumbo, li miet fl-20 ta' Jannar, 2006, kien mhedded u mġiegħel b'qerq biex jagħmel l-aħħar testment tiegħu fil-15 ta' Jannar, 2001, fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza, u li bih ħalla lill-imħarrka bħala l-werrieta ta' ġidu kollu; (b) issib li għalhekk, l-imsemmi testment ma jiswiex għaliex nieqes mill-kunsens jew magħmul taħt il-kunsens vizzjat tat-testatur; u (ċ) ssib li, f'kull każ, l-imħarrka ma jixirqilhiex tilqa' l-

imsemmi wirt ta' Anthony Cumbo għall-finijiet tal-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fit-2 ta' Ottubru, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li, safejn tirrigwarda t-tielet talba attriċi, l-azzjoni ma tiswiex għaliex nieqsa minn dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża (art. 156(1)(a) tal-Kap. 12) billi għalkemm f'dik it-talba jissemma l-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili ma hemm l-ebda premessa fir-Rikors Maħluf li tintrabat ma' kawżali maħsuba f'dak l-artikolu, u wkoll għaliex l-azzjoni attriċi hija, fis-sewwa, żewġ azzjonijiet f'daqqa li ma joqogħdux flimkien b'mod li l-ewwel żewġ talbiet mhemmx posthom f'kawża flimkien mat-tielet talba. Tgħid li dan in-nuqqas ma jistax jissewwa taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi. Fil-mertu laqgħet billi qalet li t-testment ta' Anthony Cumbo sar sewwa u jgħodd u ma hemm l-ebda raġuni tajba fil-liġi għaliex hija għandha tinstab mhux denja li tiret lit-testatur. Irriżervat kull azzjoni ta' danni fil-konfront tal-atturi minħabba l-allegazzjonijiet minnhom magħmulin fir-rigward tagħha;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-23 ta' Marzu, 2010[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, astjeniet milli tibqa' tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni preliminari (minħabba li l-imħarrka kienet irtiratha) u ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Marzu, 2015, li bih iddikjarat li kien ingħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-4 ta' Settembru, 2015[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fid-29 ta' Ottubru, 2015[3], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

---

[1] Paġġ. 36 sa 44 tal-proċess
[2] Paġġ. 273 sa 282 tal-proċess
[3] Paġġ. 283 – 290 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' testment minħabba vizzju fil-kunsens tat-testatur. L-atturi jgħidu li ħuhom kien imġiegħel jagħmel l-aħħar testment tiegħu li bih ħalla lill-imħarrka werrieta waħdiena tiegħu. Ressqu talba wkoll biex il-Qorti ssib li l-imħarrka ma jistħoqqilhiex tidħol fl-imsemmi wirt ta' ħuhom għaliex jgħidu li kienet hi li ġegħlet lit-testatur biex jagħmel it-testment kif għamlu u qarrqet bih;

Illi għalhekk, l-azzjoni li ressqu l-atturi fil-kawża tal-lum hija maħsuba li tilħaq wieħed minn żewġ għanijiet: li ġġib it-tħassir tal-aħħar testment ta' ħu l-atturi minħabba raġuni partikolari (il-vizzju tal-kunsens tiegħu) jew li ġġib lill-imħarrka mhix denja li tiret taħt l-imsemmi testment minħabba li hi kienet il-kawża ta' dik ir-raġuni partikolari;

Illi din il-fehma tal-Qorti tissaħħaħ ukoll bl-argument tar-rabta bejn it-tħassir tat-testment minħabba l-vizzju tal-kunsens tat-testatur indott minħabba qerq u l-kawżali ta' dak l-istess qerq bħala waħda mir-raġunijiet maħsuba mil-liġi bħala raġuni li ġġib lill-persuna li tkun qarrqet bit-testatur bħala waħda li ma jistħoqqilhiex tirtu[4];

Illi, min-naħa tagħha, l-imħarrka laqgħet għal din l-azzjoni billi, wara li qajmet xi eċċezzjonijiet preliminari, fil-mertu laqgħet billi qalet li t-testment ta' Anthony Cumbo sar sewwa u jgħodd u ma hemm l-ebda raġuni tajba fil-liġi għaliex hija għandha tinstab mhux denja li tiret lit-testatur. Irriżervat kull azzjoni ta' danni fil-konfront tal-atturi minħabba l-allegazzjonijiet minnhom magħmulin fir-rigward tagħha;

Illi l-imħarrka rtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha u b'sentenza *in parte* din il-Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari u għalhekk jifdal li l-Qorti tqis is-siwi tal-azzjoni attriċi fil-mertu u l-eċċezzjonijiet fil-mertu ta' dik l-azzjoni;

Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-atturi lkoll huma ħames aħwa ta' wieħed Anthony Cumbo, għażeb[5], li miet testat fl-20 ta'

[4] Art. 605(1)(ċ) tal-Kap 16
[5] Fis-sewwa, jingħad li jirriżulta li hu kien iżżewweġ b'forma ċivili, imma ż-żwieġ kien ġie annullat.

Jannar, 2006[6]. Anthony Cumbo kellu ħuh ieħor, jismu Carmelo, u li kien tewmi miegħu. Carmelo u ħuh Anthony kienu jinġiebu ħafna ma' xulxin;

Illi l-wirt ta' Anthony Cumbo huwa regolat b'testment li sar fil-ħmistax (15) ta' Jannar, 2001[7], fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza, (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-testment attakkat") li bih huwa ħassar kull testment li kien għamel qabel u ħalla b'werrieta universali u proprjetarja ta' ġidu kollu lill-imħarrka, bl-esklużjoni tas-sostituzzjoni u l-akkrexximent. Fl-imsemmi testment, it-testatur qal li ma jafx jikteb. L-imsemmi testment kien sar f'uffiċċju legali;

Illi l-imħarrka tisħaq li saret taf bit-testment biss wara li Anthony Cumbo miet u rċeviet telefonata mingħand avukat. Tgħid li qatt ma ġegħlitu jagħmel testament.[8] Ommha ma semmietx it-testment fl-avvidavit tagħha, iżda waqt il-kontro-eżami qalet li meta Anthony kien għadu fuq saqajh kien qal lil bintha biex imorru għand Nutar biex jagħmel testament. Semgħetu jgħid dan id-diskors hija stess fl-appartament ta' bintha. Ma tiftakarx x'diskors sar għand in-nutar.[9] Hija akkumpanjat lil bintha, ma tafx jekk hux għand avukat jew nutar.[10] Fil-kontro-eżami li sarilha wara li xehdet ommha, l-imħarrka sostniet li "darba kien qalli u qatt ma qalli iktar, qalli mhux inti tieħu ħsiebi?"[11] Baqgħet isostni li hija ma marritx miegħu meta għamel it-testment, u li ommha kienet bdiet tinsa[12];

Illi Anthony Cumbo ma kienx ta' skola u qajla kien jaf jikteb u jaqra iżda kien jaf jiffirma ismu. Huwa ffirma fuq il-karta tal-identita` tiegħu kif ukoll l-istatut tal-kumpannija John Cumbo Limited[13]. Skond oħtu l-attriċi Mary Randich, missieru ħalla n-negozju li kellu f'idejh għax kien jaf jikteb u jaqra.[14] Skond Grace Delia kienet tarah jikteb fil-ħanut u li l-karti tan-negozju kienu f'idejh[15]. Dan jikkonfermawh ukoll l-atturi Francis Cumbo[16], Carmen Buttigieg[17] kif ukoll Josianne Dimech li żiedet tgħid li żijuha Anthony kien dejjem iffirma ismu fuq skritturi u kuntratti u qatt ma ddikjara li ma jafx jikteb[18]. Tidher il-firma ta' Anthony fuq skritturi ta' self mingħand oħtu Maria Randich tal-21 ta' April, 2005, u vera kopja ta' self mingħand ħuh Carmelo tas-16 ta' Lulju, 2003[19]. Għalkemm bint l-

---

[6] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[7] Dokti "B" u "MR", f'paġġ. 6 – 7 u 122 – 3 tal-proċess
[8] Xhieda tagħha f'paġ.139 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Victoria Aġius f'paġġ 255 – 9 tal-proċess
[10] *Ibid.* f'paġ. 255 tal-proċess
[11] Xhieda tal-imħarrka f'paġ. 262 tal-proċess
[12] *Ibid.* f'paġ. 266 tal-proċess
[13] Ara l-firma tiegħu f'Novembru 1997, f'paġġ 57, 60 u 68 tal-proċess
[14] Affidavit ta' Mary Randich, f'paġ 50 tal-proċess
[15] Affidavit tagħha f'paġ. 74 tal-proċess
[16] Affidavit ta' Francis Cumbo f'paġ. 107 tal-proċess
[17] Affidavit ta' Carmen Buttiġieġ f'paġ. 78 tal-proċess
[18] Affidavit ta' Josianne Dimech f'paġġ. 91 tal-proċess
[19] Ara Dokti f'paġġ 95,96 u 97 tal-proċess

imħarrka fl-affidavit tagħha qalet li qatt ma rat lil Anthony Cumbo jiffirma xejn, qalet ukoll li kien jiffirma ċ-ċekk tal-għajnuna soċjali fuq wara.[20] L-imħarrka xehdet li qatt ma rat lil Anthony Cumbo jiffirma xejn; kien jgħidilha li ma jafx jiffirma, għalkemm ommha xehdet li rat il-firma tiegħu fuq ċekk. Fil-kontro-eżami, l-imħarrka spjegat li ommha kienet qegħda tgerfex għax tbati minn moħħha[21];

Illi flimkien ma' ħuh Carmelo, Anthony Cumbo kellu negozju fis-sura ta' kumpannija[22] li kellha b'negozju ewlieni tagħha l-bejgħ ta' *spare parts* tal-vetturi li kienu jmexxu minn ħanut fil-Fgura. In-negozju kien bdieh missierhom;

Illi skond l-attriċi Carmen Buttiġieġ, Anthony u Charles iltaqgħu b'kumbinazzjoni f'ħanut tax-xorb mal-imħarrka u dan madwar għaxar snin qabel mietu.[23] Meta ltaqgħu, l-imħarrka kienet mifruda minn ma' żewġha. L-imħarrka tgħid li kienet ilha toħroġ ma' Anthony Cumbo sa minn madwar is-sena 1996. Skond l-atturi Mary Randich u Carmen Buttiġieġ[24], l-imħarrka għall-bidu kien ikollha relazzjonijiet sesswali maż-żewġ tewmin, iżda imbagħad kompliet ma' Anthony biss wara li madwar is-sena 2000 siefret miegħu bil-moħbi ta' Carmelo u dan ħa fastidju b'din l-azzjoni. Kienet tgħidilhom li tkompli magħhom għall-flus biss.[25] L-imħarrka ċaħdet li kienet toqgħod ma' Anthony għall-flus. Kieku ma kinitx tħobbu ma kinitx toqgħod miegħu għal żmien twil u ma kinitx tieħu ħsiebu meta marad. Hija żżid tgħid li kienet issajjarlu ikel li jwettqu u li kien tajjeb għall-kundizzjoni li kellu (dijabetiku)[26]; kienet tbiddillu l-faxex ta' fuq il-feriti tad-dijabete. Meta qatgħulu sieqU kienet issiblu 'l min iwasslu l-Isptar u tmur magħhom[27]. Meta kien ikun l-isptar kienet iddur bih hi u kultant anke ommha. Meta kien qed imut it-tabib staqsa għal xi ħadd tal-familja u kienu preżenti biss l-imħarrka, ommha u bintha. Hija ċemplet lill-attriċi Randich iżda din qaltilha li ma jimpurtahiex.[28] B'danakollu jirriżulta li wara din it-telefonata Mary Randich marret l-isptar[29];

Illi l-imħarrka tisħaq li dak li kienu jixtru, kienu jixtruh flimkien.[30] Skond l-imħarrka, Carmelo kien biss ħabib, u la qatt raqad għandha u lanqas hi qatt raqdet id-dar t'ommu fil-Fgura. Anthony biss mar jgħix magħha l-

[20] Affidavit ta' Graziella Pulis f'paġ. 141 tal-proċess
[21] Xhieda tagħha f'paġ. 261 tal-proċess
[22] Ara d-Dok f'paġġ. 53 sa 68 tal-proċess bl-isem ta' John Cumbo Ltd (C – 6184)
[23] Paġ. 82 tal-proċess
[24] Paġ. 76 tal-proċess
[25] L-attriċi Carmen Buttiġieġ ukoll qalet li l-imħarrka kienet toħroġ mat-testatur ħuha u ma' ħuh it-tewmi għall-flus biss ara paġ. 75 tal-proċess
[26] Ara xhieda ta' Graziella Pulis (bint l-imħarrka) f'paġ.140 tal-proċess
[27] Xhieda ta' Jason Galea, f'paġ. 142 tal-proċess
[28] Xhieda tal-imħarrka f'paġ.139 tal-proċess
[29] Xhieda tagħha fil-kontro-eżami f'paġ. 169 tal-proċess
[30] Xhieda tal-imħarrka f'paġ 138 tal-proċess

Belt, u kienu jgħixu ta' miżżewwġin.[31] Anthony kien iħallas ix-xirja u hi l-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Carmelo kien iqatta' ħin magħhom għax kien ħafna qrib ta' ħuh, imma ma kienx jgħix taħt saqaf wieħed magħhom;

Illi skond l-attriċi Randich, l-imħarrka ippruvat iġġiegħel lil Anthony Curmi jdawwar il-karta tal-identita` tiegħu fuq l-appartament tagħha fil-Belt biex ikollha aċċess dirett għaċ-ċekk iżda hi u ħuhom Carmelo ma ħallewhx jagħmel hekk u l-indirizz tiegħu baqa' jidher fil-Fgura.[32] Dan jidher li hekk hu minn dak li jingħad kemm fil-Karta tal-Identita' u kif ukoll fit-testment attakkat;

Illi l-imħarrka tgħid li, miċ-ċekk tal-għajnuna soċjali, Anthony Cumbo kien jagħti madwar mitt Lira Maltin (LM100) fix-xahar lil ħuh Carmelo biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tad-dar tal-Fgura, minkejja li Anthony ma kienx jgħix hemm. Tgħid li kienet tirrabja ħafna dwar dan il-fatt[33];

Illi fil-kontro-eżami, l-attriċi Mary Randich m'għarfitx twieġeb għalfejn qalet li ħuha baqa' jgħix mal-imħarrka minkejja li tgħid li kien jgħidilha li kien iħossu mhedded mill-istess imħarrka jew biex kienet theddu. Qalet, iżda, li l-imħarrka kienet bniedma li tħobb tirrikatta[34];

Illi bint l-imħarrka qalet li l-attriċi Randich kienet iċċempel lil ħuha Anthony u kienet toqgħod tgħawwih kontra ommha. Huwa kien isostni li qiegħed magħha għax tirrispettah. L-atturi saret tafhom waqt il-kawża fil-qorti, għax qatt ma marru jżuru lil Anthony[35];

Illi skond l-attriċi Mary Randich, ħutha t-tewmin kienu wkoll krew flat Wied il-Għajn bil-kera ta' madwar mitejn lira Maltin (LM200) fl-interess tal-imħarrka. Skond l-istess attriċi, irriżulta mill-investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija li l-imħarrka kienet kompliċi f'serqa tal-għamara tal-istess flat. It-tewmin ħafrulha u ma pproċedewx kontriha għax kienu jibżgħu minnha[36]. Skond xhud oħra Josianne Dimech, neputija ta' Anthony u Carmelo Cumbo, l-imħarrka kienet tat iċ-ċwievet tal-post lil terza persuna. Hija kienet twiddeb lil zijietha t-tewmin li kienu mġienen li kienu qegħdin jagħmluha ma' mara ta' dan it-tip iżda huma kienu jwiġbuha li ma tifhimx u li ma kenitx taf x'qiegħda tgħid. Hija pero` fehmet li zijietha qatt ma kienu għamluha ma' nies; kellhom il-flus u għalhekk użawhom biex ikollhom mingħand min jinqdew u min joqgħod magħhom, wara pero` sar diffiċli jinqatgħu minn mal-imħarrka[37];

---

[31] Fatti kkonfermati wkoll minn bint l-imħarrka f'paġ 140 tal-proċess
[32] Affidavit tagħha f'paġ. 49 tal-proċess
[33] Affidavit tagħha u ta' bintha f'paġġ 139 u 141 tal-proċess
[34] Xhieda tagħha fil-kontro-eżami f'paġ.157 tal-proċess
[35] Affidavit ta' Graziella Pulis, f'paġ. 141 tal-proċess
[36] Affidavit ta' Mary Randich u ta' Carmen Buttigieg, f'paġġ. 48 u 76 tal-proċess
[37] Affidavit ta' Josianne Dimech f'paġ. 90 tal-proċess

Illi l-imħarrka ċaħdet li l-appartament krewulha t-tewmin. Saħqet li krietu mingħand terzi flimkien ma' Anthony waħdu bil-kera ta' mitt Lira Maltija (LM100) fix-xahar u li kienu jħallsuha nofsha hi u n-nofs l-ieħor Anthony u dan fiż-żmien li kienet qabbdet lil min ibajdilha l-appartament tagħha tal-Belt. Ma kinitx involuta fis-serqa li semmew ix-xhieda tal-atturi, tant li xi affarijiet li nsterqu kienu tagħha stess[38];

Illi l-atturi jsemmu wkoll episodju ieħor li ġara fit-23 ta' Mejju 1999, fejn l-imħarrka stiednet raġel imur magħha f'appartament f'Għawdex. B'kompliċita` magħha u waqt li kienet fis-sodda mal-persuna l-oħra, Anthony Cumbo u ħuh it-tewmi nħbew fi gwardarobba u ġibdu r-ritratti tal-koppja. Imbagħad l-aħwa Cumbo u l-imħarrka ippruvaw jirrikattaw lil din il-persuna iżda din irrappurtathom lill-pulizija.[39] Fi proċeduri li ttieħdu kontra l-imħarrka u l-aħwa Cumbo quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, it-tlieta li huma stqarrew il-ħtija tagħhom u ngħatat sentenza kontrihom minn dik il-Qorti fl-1 ta' Ġunju, 2001[40];

Illi l-atturi fetħu din il-kawża fit-12 ta' Novembru, 2007;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ, il-Qorti tagħraf li l-premessi li l-atturi jġibu biex iwaqqgħu t-testment attakkat jintrabtu ma' żewġ xiljiet speċifiċi: l-ewwel waħda ġejja minn ċirkostanzi ta' mġiba tul medda ta' snin bejn it-testatur ħuhom u l-imħarrka, fil-qafas tar-relazzjoni (intima) li dawn kellhom bejniethom; filwaqt li t-tieni waħda ġejja minn ċirkostanzi marbuta ma' dakinhar li sar it-testment u kif sar. F'tal-ewwel, l-atturi jressqu xenarju ta' relazzjoni mibnija fuq sfruttament tat-testatur min-naħa tal-imħarrka li wasslitu biex tneżża' minn ġidu kollu u kellu saħansitra jagħmel tajjeb b'ġid ieħor tiegħu (jew jissellef minn fuq l-idejn b'rati użurarji) għall-kapriċċi li titwebbel bihom l-imħarrka, li ġabuh jgħix f'biżgħa l-ħin kollu u jagħmel dak li ma jridx. F'tat-tieni, l-atturi jisħqu li d-dikjarazzjoni tat-testatur fuq it-testment attakkat li huwa ma kienx jaf jikteb hija ħrafa mill-bidu sal-aħħar għaliex mhux minnu li t-testatur ma kienx jaf jikteb. F'dan ir-rigward, ressqu kopja tal-aħħar Karta tal-Identita' tiegħu[41] li fiha tidher il-firma tiegħu;

Illi l-prinċipji legali ewlenin li jirregolaw it-testmenti b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni f'din il-kawża huma dawn: (i) l-elementi li jsawru l-figuri ta' vjolenza u ta' qerq li huma kawża ta' vizzju

---

[38] Affidavit tal-imħarrka f'paġ. 138 tal-proċess
[39] Affidavit ta' Carmen Buttigieg f'paġ. 76 tal-proċess
[40] Ara d-Dok f'paġġ. 51 – 2 tal-proċess
[41] Ara Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess

tal-kunsens f'materja ta' kuntratti fil-parti tal-Kodiċi Ċivili li tirregola l-kuntratti jgħoddu wkoll għat-testmenti fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet apposta fil-parti tal-Kodiċi Ċivili li tirregola s-suċċessjoni b'testment; (ii) testment jitqies li jgħodd u li sar sewwa, u t-tħassir tiegħu jitqies ħaġa ferm serja. Sa minn żminijiet bikrija fl-oqsma tad-Dritt, it-testment kien jitqies bħala l-att l-iktar importanti li jwettaq il-missier tal-familja li permezz tiegħu kien jiddisponi minn ġidu għal wara mewtu. Ir-rilevanza soċjali u legali kbira tat-testment wasslet lill-ġuristi Rumani biex isostnu li testament, anke jekk ma jkunx validu, irid jiġi kemm jista' jkun ikkonservat, billi huwa att negozjali li ma jistax jerġa' jsir, billi t-testatur ikun miet. Dan kien is-sies tal-prinċipju tal-*favor testamenti* li huwa wieħed mill-ewlenin fil-qasam tat-tifsir u t-tħaddim tat-testmenti bħala xhieda tal-aħħar rieda ta' min ikun għamilhom. Ingħad li kemm jista' jkun, it-testment kellu jiġi meqjus bħala validu, pjuttost milli null: *potius ut valeat quam ut pereat*. Għalhekk it-testatur għandu jitqies li għamel it-testment bir-rieda ħielsa tiegħu u b'hekk kwalunkwe allegazzjoni dwar is-siwi tat-testment titlob li tkun ippruvata b'mod xieraq minn min iqanqal id-dubju dwar is-siwi ta' dak l-att.[42] Dan jaqbel ukoll mal-prinċipju kuntrattwali li l-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.[43] "*Il dolo e la violenza non sono mai presunti e non s'inducono mai da vaghi sospetti, ma debbono essere rigorosamente provati*"[44];

Illi, minbarra dan, (iii) f'kaz ta' żewġ verżjonijiet ta' provi li ma jkunux jaqblu f'xejn ma' xulxin, iżda li jistgħu jkunu plawsibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi lill-verżjoni tal-parti mħarrka fuq is-saħħa tal-principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[45]. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fil-kawża li jkun fetaħ. Għalkemm il-grad ta' prova mistenni fil-kamp ċivili, b'differenza minn dak f'kawżi kriminali fejn il-liġi titlob li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Dan jissarraf f' ċertezza li hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet, u għalhekk sempliċi possibilita` mhux tajba biżżejjed biex tirradika r-responsabbilita` ċivili. Kemm hu hekk, huwa stabilit li, qabel kull ħaġa oħra, irid jiġi ippruvat li kien hemm vjolenza jew qerq magħmul minn dik il-persuna li qiegħda titqies bħala inkapaċi li tiret, jew li almenu xxierket ma' persuna oħra biex iseħħ tali vjolenza jew tali qerq. Mhux biss imma: minħabba n-natura odjuża ta' xilja bħal din, huwa stabilit ukoll li f'ħaġa bħal din il-provi għandhom ikunu ċari u konkludenti. Jekk dan ma jintlaħaqx, f'każ ta' dubju, dan għandu jmur ukoll favur il-parti mħarrka li kontra tagħha tkun infetħet azzjoni bħal din[46];

---

[42] App. Ċiv. **1.7.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Galea pro et noe vs Maria Camilleri***
[43] Art. 981(2) Kodiċi Ċivili
[44] Ara, b'eżempju, P.A. **16.10.1883** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri et v. Galea et*** (Kollez. Vol: **X.251**)
[45] App. Inf. PS **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et***
[46] P.A. JRM **8.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***John Agius vs Carmelo Agius,*** (mhix appellata)

Illi regola oħra hi li (iv) il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġiegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.[47] Il-vjolenza tista' tkun fiżika kif ukoll morali. Il-biża' ta' qima lejn il-missier, jew axxendenti oħra, jew lejn ir-raġel, mhix biżżejjed biex tannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata[48]. Mill-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jingħad li "*La violenza si distingue dal timore reverenziale (metus reverentialis) che consiste nell'intenso rispetto che si nutre verso persone autorevoli, i genitori, ecc. Non v'e` azione intimidatrice di alcuno: il rispetto e` un sentimento dello stesso autore del negozio e rientra percio` nella sfera dei motivi psicologici che agiscono sul processo volitivo di ogni persona. Percio`, se la dichiarazione e` emessa per non riuscire sgraditi verso la persona autorevole o per non ricevere da essa rimproveri, il negozio non e` annullabile (art. 1437 cod.civ.)*"[49]. Minbarra hekk, fil-każ ta' vjolenza li twassal għal tħassir ta' testment jingħad li "*non si esige un timore capace di influire sopra un uomo vigoroso; basta che i fatti sieno tali da poterne dedurre che il testatore non abbia disposto di sua piena volonta`, o che la violenza produsse un costringimento capace di obbligare il testatore a fare quello che non avrebbe voluto*"[50];

Illi f'dan ir-rigward huwa miżmum ukoll li biex l-għemil qarrieq ikun mottiv ta' nullita` irid jintwera li l-qerq użat ikun tali li, mingħajru, it-testatur ma kienx jagħmel id-dispożizzjonijiet testamentarji li fil-fatt għamel. Il-fatt waħdu li testatur jiddisponi f'testment b'mod li joqgħod għax-xewqa ta' persuna oħra u biex jikkuntentaha ma tqiesx bħala biżżejjed biex jista' jingħad li tali testment huwa frott il-qerq. Għaliex biex l-impunjattiva tirnexxi jeħtieġ jirriżulta li r-rieda tat-testatur ġiet imdawra minħabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx għall-qerq li twettaq fuqu[51];

Illi xieraq jingħad ukoll li l-fatt waħdu li persuna terġa' taħsibha wara li tkun għamlet testment u turi x-xewqa li trid tibdel dak li għamlet ma jfissirx b'daqshekk li dik il-persuna ma hijiex f'qagħda li turi fehma ġdida jew li dik il-fehma ġdida hija tabilfors ir-riżultat ta' pressjoni li jagħmel ħaddieħor fuqha[52];

Illi mbagħad, kif ingħad, hemm il-kwestjoni tal-grad tal-prova li jrid jintlaħaq biex iwassal għall-konvinċiment li, minn dak li jidher, il-mejjet

---

[47] Art. 978(1) tal-Kap 16
[48] Art. 980 tal-Kap 16
[49] Andrea Torrente & Piero Schlesinger, Manuale di Diritto Privato (18[a] Ediz) § 283
[50] Laurent Principii di Diritto Civile (Vallardi Editore, 1881) Vol VIII, Cap. V, sez. IV, §§ 4 e 2
[51] App. Ċiv. **15.2.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **XLI.i.83**)
[52] App. Ċiv. **2.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Xuereb vs Joseph Refalo et***

kien tassew ġie mġiegħel jew imħajjar b'qerq biex jersaq ħalli jagħmel it-testment. Dawn il-provi riedu wkoll jintrabtu mal-waqt li kien qiegħed isir it-testment attakkat u mhux minn ċirkostanzi li jkunu dehru fi żminijiet oħrajn, qabel jew wara l-fatt[53];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, it-testment attakkat sar minn persuna li ma kellhiex dipendenti u ma kenitx marbuta b'xi rabta ta' relazzjoni li, dak iż-żmien, kienet tnissel obbligi jew titfa' fuqu limitazzjonijiet dwar kif jirregola l-wirt tiegħu. Wieħed ma jridx jinsa li sakemm persuna għadha ħajja u kapaċi, għandha l-jedd li tagħmel b'ġidha kulma tħalliha tagħmel il-liġi. Il-fatt li persuna tintlaqat ħażin b'bidla f'testment, ma jfissirx li dak it-testment ikun sar taħt l-influwenza tal-qerq jew bil-kunsens vizzjat. Bħalma ċ-ċirkostanzi tal-ħajja jinbidlu mal-medda taż-żmien hekk ukoll ir-rieda tal-bniedem li, meta jara l-affarijiet kif tassew ikunu, jista' jisgħob bih b'li jkun għamel qabel u jerġa' jibdielu, jew jagħmel xi ħaġa biex tkun tirrifletti aktar dak li ġara wara. L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma tixhed vjolenza tal-kunsens;

Illi bosta mill-episodji li l-atturi ressqu bil-ħsieb li jsaħħu l-każ tagħhom ġraw snin wara li kien sar it-testment attakkat u ma setgħux għalhekk induċew jew ikkundizzjonaw lil Anthony Cumbo li jagħmlu. Li jista' jingħad hu li, minkejja li, skond uħud mill-atturi, Anthony Cumbo kien jilminta ma' ħutu mill-imġiba tal-imħarrka u jħossu mbeżża' minnha, xorta waħda ma sab qatt ir-rieda li jħassar it-testment attakkat, kif kellu kull setgħa (u żmien biżżejjed) li jagħmel kieku ma riedx li dak it-testment attakkat jibqa' fis-seħħ. Il-Qorti ma għandhiex għaliex temmen li Cumbo ma kienx jaf li għamel testment jew li kollox sar minn wara dahru. Kienet tkun ta' għajnuna wkoll li kieku l-atturi (għaliex fuqhom kien jaqa' dan il-piż) ressqu kopji tal-kuntratti li saru fl-2001 u fis-snin ta' wara (fejn l-istess Anthony Cumbo kien deher fuq kuntratti pubbliċi ta' kostituzzjoni ta' debitu, f'każ minnhom saħansitra bħala kondebitur mal-imħarrka)[54] biex minnhom wieħed seta' jara jekk Anthony Cumbo reġax tenna fuq dawk l-atti pubbliċi wkoll li ma kienx jaf jikteb. Għalkemm kif ingħad aktar qabel, l-atturi ressqu kopji ta' kitbiet li juru li Anthony Cumbo iffirma fuq dikjarazzjonijiet li saru żmien wara li kien sar it-testment attakkat;

Illi l-Qorti tqis li ċ-ċirkostanzi li ġraw minn wara d-data tat-testment attakkat u l-ħajja ta' Anthony Cumbo sa ma miet ma jixhdux ċirkostanzi ta' theddid fiż-żmien li sar l-istess testment, u l-atturi ma ressqux provi li juru b'xi mod li, fiż-żmien li sar l-istess testment attakkat, it-testatur kien jinsab taħt xi theddid mill-imħarrka jew minn xiħadd imqabbad minnha;

---

[53] P.A. **8.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Giordano et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.404**)
[54] Ara d-Dokti f'paġġ. 79 sa 81 tal-proċess

Illi l-atturi jsostnu li Anthony Cumbo ġie mġiegħel mill-imħarrka biex jiktbilha ġidu kollu, u li ddikjara li ma jafx jikteb bħala sinjal li huwa ma riedx jagħmel dan. Biex isaħħu dan l-argument, iressqu tixbiha ma' każ ieħor fejn it-testatur kien iffalsifika l-firma tiegħu stess bil-ħsieb li t-testment jitwaqqa' minħabba f'hekk[55]. Filwaqt li l-Qorti tifhem il-ħsieb tal-atturi, ma tistax ixxebbah dak il-każ ma' dak li sar fiċ-ċirkostanzi tat-testment attakkat;

Illi b'mod partikolari, l-atturi ma ressqu l-ebda prova diretta biex issejjes din il-konklużjoni. Tant hu hekk li f'paragrafu 4 tar-Rikors Maħluf, huma jippremettu li "**jemmnu** illi l-imsemmi Anthony Cumbo kien mhedded u mġiegħel bil-qerq biex jagħmel dan it-testment". Issa "twemmin" ifisser il-kunfidenza fil-verita` jew fl-eżistenza ta' xi ħaġa li ma tistax tiġi ppruvata permezz ta' prova rigoruża. L-atturi iżda jaraw diversi indizji ta' dan – il-karattru tal-attriċi, li tirrikatta, kif jirriżulta mill-inċident ta' Marsalforn; il-fatt li kemm dam magħha Anthony spiċċa ftaqar u anke jissellef il-flus; il-fatt li Anthony kien jgħid ma' ħutu (meta kienu għadhom jitkellmu) li jibża' mill-imħarrka. Dawn l-indizji iżda, skond it-tagħlim ġurisprudenzjali li ssemma qabel, ma jistgħu qatt iwasslu għal dak il-grad ta' prova univoka u konklussiva li t-testment sar minħabba vjolenza eżerċitata fuq it-testatur. L-atturi jsemmu wkoll iċ-ċirkostanza li l-imħarrka ħalfet li ma kinitx taf li Anthony Cumbo kien għamlilha t-testment, filwaqt li ommha xehdet li kienet marret ma' bintha għand nutar jew avukat biex sar it-testment. L-imħarrka iżda ikkonfermat li darba Anthony Cumbo kien offrielha li jinnominaha bħala l-werrieta tiegħu b'testment, iżda ma semmielha xejn iżjed wara. Hi x'inhi l-verita`, dak li hu rilevanti hu li ommha semmiet li kien Anthony Cumbo, minn jeddu, li offra li jagħmel testment. Ċertament dan mhux sinjal ta' vjolenza jew qerq. Għalkemm jirriżulta mill-kumpless tal-provi li l-konvenuta hija mara ta' rasha u tasal fejn trid u li kapaċi tqarraq, u li Anthony Cumbo kien jiddejjaq imur kontra r-rieda tagħha u anzi kien jagħmel minn kollox biex jikkuntentaha – fi kliem ieħor kellu biża' riverenzjali minnha – dan ma jfissirx li ġie mġiegħel jagħmel it-testment. Għalkemm l-atturi jsostnu li l-imħarrka kienet tuża' lil Anthony sempliċiment għall-flus, u għalkemm tabilħaqq jirriżulta li kien jagħtiha l-flus u li spiċċa anke jiddejjen, jirriżulta li r-relazzjoni ta' bejniethom ma kinitx waħda msejsa biss fuq il-flus; tant li damet anke wara li marad, u ntemmet biss meta miet. Meta marad hija ma telqitux għal riħu, anzi baqgħet iddur bih u tieħu ħsiebu, żgur iktar milli ħadu ħsiebu ħutu l-atturi. Anke fl-ipoteżi li l-imħarrka ġegħlitu jiddejjen, dan sar lejn l-aħħar ta' ħajtu, u żmien sewwa wara li kien sar it-testment attakkat;

---

[55] Ara. Maġ (Għ) JD **25.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Rosalinda Rita Portelli et vs Carmen Portelli*** (appellata)

Illi fid-dawl ta' dawn il-fehmiet u tal-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jgħoddu f'każijiet bħal dan u ta' riżultanzi li joħorġu miċ-ċirkostanzi fattwali, il-Qorti tasal għall-fehma li l-atturi ma seħħilhomx jippruvaw kif meħtieġ u fil-grad mistenni mil-liġi li Anthony Cumbo kien mhedded jew imġiegħel li jagħmel it-testment attakkat. Minħabba f'hekk, il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel talba attriċi;

Illi dan ifisser li l-Qorti lanqas tista' tilqa' t-talbiet l-oħrajn, għaliex dawn jiddependu minn jekk tintlaqax l-ewwel waħda u huma neċessarjament konsegwenzjali għaliha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ntweriex fi grad tajjeb biżżejjed kif titlob il-liġi li r-rieda ta' Anthony Cumbo meta sar it-testment tiegħu tal-15 ta' Jannar, 2001, fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza, kienet vizzjata b'tehdid jew b'qerq imwettqa mill-imħarrka;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** minħabba li dawn huma konsegwenzjali fuq u marbutin mal-ewwel talba; u

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-imħarrka; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża** ħlief dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-23 ta' Marzu, 2010, li jitħallsu kif hemm ordnat.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta' Lulju, 2017**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**10 ta' Lulju, 2017**